MALTA

**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2016

Rikors Maħluf Numru: 157/15 LM

**Miloslav (ID. Nru 16202A) u Darina (ID. Nru 16968A) konjuġi Sitar**

**vs.**

**Coast Investments Ltd (C23522)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ta' **Miloslav u Darina konjuġi Sitar** (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), ippreżentat minn Miloslav Sitar fid-19 ta' Frar, 2015, li jaqra hekk:

1. *Illi permezz ta' skrittura privata datata t-8 ta' Novembru tas-sena 2001, ir-rikorrent Miloslav Sitar, għadda b'titolu ta' self lis-soċjetà intimata, li aċċettat, is-somma ta' għoxrin elf Lira Maltin (Lm20,000)*

*ekwivalenti għal sitta u erbgħin elf, ħames mija u sebgħa u tmenin Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€46,587.54) (vide Dok. A anness);*

2. *Illi s-soċjetà intimata obbligat ruħha li tirrifondi s-somma kollha lilha mislufa ta' għoxrin elf Lira Maltin (Lm20,000) ekwivalenti għal sitta u erbgħin elf, ħames mija u sebgħa u tmenin Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€46,587.54) lir-rikorrent, Miloslav Sitar, fiż-żmien sena mid-data tal-iskrittura privata;*

3. *Illi s-soċjetà intimata naqset milli tirrifondi lir-rikorrent Miloslav Sitar, l-ammont ta' għoxrin elf Lira Maltin (Lm20,000) ekwivalenti għal sitta u erbgħin elf, ħames mija u sebgħa u tmenin Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€46,587.54) sat-8 ta' Novembru tas-sena 2002;*

4. *Illi d-diretturi tas-soċjetà intimata baqgħu sa riċenti jikkomunikaw mar-rikorrent, Miloslav Sitar, u jikkonfermaw li l-ammont ta' sitta u erbgħin elf, ħames mija u sebgħa u tmenin Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€46,587.54) ekwivalenti għal għoxrin elf Lira Maltin (Lm20,000) hu dovut lir-rikorrent;*

5. *Illi, għalhekk, is-soċjetà intimata hija debitriċi tar-rikorrenti fis-somma ta' sitta u erbgħin elf, ħames mija u sebgħa u tmenin Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€46,587.54) ekwivalenti għal għoxrin elf Lira Maltin (Lm20,000);*

6. *Illi għalkemm is-soċjetà intimata ġiet interpellata sabiex tħallas u tirrifondi lir-rikorrenti l-ammont imsemmi, inkluz permezz ta' ittra uffiċjali (nru: 2721/2014) ppreżentata fit-3 ta' Settembru, 2014 (vide Dok. B anness), hija baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

7. *Illi r-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment;*

*Għaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà intimata hija debitriċi tar-rikorrenti fis-somma ta' sitta u erbgħin elf, ħames mija u sebgħa u tmenin Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€46,587.54) ekwivalenti għal għoxrin elf Lira Maltin (Lm20,000);*

2. *Tikkundanna u tordna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' sitta u erbgħin elf, ħames mija u sebgħa u tmenin Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€46,587.54) ekwivalenti għal għoxrin elf Lira Maltin (Lm20,000)*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali (nru: 2721/2014) ppreżentata fit-3 ta' Settembru, 2014, il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat fil-5 ta' Frar, 2015 u bl-imgħax skont il-liġi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-soċjetà intimata li hija minn issai nġunta in subizzjoni.*

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta **Coast Investments Ltd (C23522)** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta") ippreżentata minn Alexander Zammit fit-12 ta' Marzu 2015 li tgħid hekk:

*1. Illi in linea preliminari, il-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi ai termini tal-Artikolu 2156 (e) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*2. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt kif ukoll fil-liġi u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi.*

Rat l-atti tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat li l-kawża ġiet differita għall-udjenza tal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kontroversja bejn il-partijiet waqt is-smigħ tal-provi u t-trattazzjoni orali bejn l-avukati difensuri tal-partijiet kienet iffukata fuq jekk kienx hemm rinunzja espressa jew taċita għall-preskrizzjoni eċċepita.

**Il-fatti**

Illi mhuwiex ikkontestat li l-attur Miloslav Sitar silef lis-soċjetà konvenuta s-somma ta' LM20,000 permezz ta' skrittura privata tat-8 ta' Novembru, 2000[1] li mbagħad ġiet imġedda permezz ta' skrittura oħra tat-8 ta' Novembru 2001[2]. Fuq l-iskrittura hemm żball evidenti billi fiha hemm miktub li l-pagament lura kellu jsir fit-8 ta' Novembru 2001, l-istess data tal-iskrittura.

[1] A fol. 21.
[2] A fol. 4.

Illi permezz ta' affidavit tiegħu[3] l-attur **Miloslav Sitar** stqarr li xi żmien wara l-mewt ta' Bernard Sullivan, direttur tas-soċjetà konvenuta, huwa iltaqa' mal-armla tiegħu Patricia Ellul Sullivan, li sadanittant inħatret direttur tal-istess soċjetà konvenuta minflok żewġha, u mad-direttur l-ieħor Alex Zammit, li infurmawh li ma kinux f'pożizzjoni li jħallsu d-dejn qabel ma jiġi likwidat l-assi ereditarju ta' Bernard Sullivan.

Illi madwar is-sena 2005 l-attur Miloslav Sitar iltaqa' formalment maż-żewġ diretturi Alex Zammit u Patricia Ellul Sullivan. F'din il-laqgħa dawn ma ċaħdux li l-ammont kien dovut, imma infurmawh li s-soċjetà kellha diffikultajiet finanzjarji u li ma setgħux iħallsuh f'pagament wieħed. Huwa qalilhom li kien lest jasal għal soluzzjoni iżda d-diretturi ma reġgħux kellmuh. Wara din il-laqgħa kellu laqgħat oħrajn magħhom sas-sena 2010 u d-diretturi kienu jirrepetu l-istess diskors.

Illi mhux biss ma sar l-ebda kontroeżami lill-attur Miloslav Sitar, imma dak li stqarr l-attur ma ġiex kontradett mix-xhieda tad-diretturi tas-soċjetà konvenuta. Dan jagħti kredibilità lill-verżjoni tal-attur.

---

[3] Fol. 19.

Illi mistoqsi dwar dak li qal l-attur Miloslav Sitar fl-affidavit tiegħu, id-direttur tas-soċjetà konvenuta **Alexander Zammit** wieġeb li (i) huwa minnu li l-kumpannija kellha diffikultajiet finanzjarji, imma evita li jwieġeb għad-domanda li saritlu; ikkonferma li l-kumpannija kellha diffikultajiet finanzjarji iżda m'ammettiex kategorikament li talab lill-attur jistenna minħabba li l-kumpannija kellha diffikultajiet finanzjarji u li (ii) Patricia Ellul Sullivan staqsietu jekk setgħux jaslu għal xi arrangement biex iħallsu f'sentejn jew tlieta, filwaqt li l-attur kellu jagħtihom risposta jaċċettax jew le. Alexander Zammit qal lil Patricia Ellul Sullivan li kien sejjer jara jekk Joe Sullivan, missier żewġha, kienx għamel xi pagament. Mistoqsi, Alexander Zammit wieġeb li fil-fatt Joe Sullivan qallu li m'għamel l-ebda pagament.[4]

Illi **Patricia Ellul Sullivan**, fix-xhieda originali tagħha, qablet max-xhieda ta' Alexander Zammit,[5] iżda mbagħad, ikkontroeżaminata dwar jekk offrietx li tħallas fi żmien sentejn jew tlieta, wieġbet li ma tiftakarx.[6] Qablet ukoll mal-attur fejn qal li hi u Alexander Zammit kienu infurmawh li ma setax isir il-ħlas għax il-pożizzjoni tal-kumpannija ma kinitx waħda tajba.[7]

Illi l-attur ippreżenta ittra uffiċjali fit-3 ta' Settembru, 2014.

[4] Fol. 35.
[5] Fol. 47.
[6] Fol. 53.
[7] Fol. 48.

## Kunsiderazzjonijiet legali

Illi tista' ssir rinunzja, kemm espressa kif ukoll taċita[8], għall-preskrizzjoni ġa akkwistata.[9] Ir-rinunzja taċita tiġi minn fatt li jissoponi l-abbandun tal-jedd akkwistat.[10] **Troplong**[11] jenfasizza li *"conviene che gli atti da cui su vuole indurre una rinunzia stabiliscano la prova irrefragabile e non equivoca dell'abbandono".*

Illi r-rikonoxximent għall-iskop tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli mill-koeżistenza ta' dawn ir-rekwiziti, jiġifieri, (a) il-volontarjetà; (b) ix-xjenza tad-debitu fil-konvenut; (c) l-inekwivoċità u (d) l-esternazzjoni tar-rikonoxximent permezz ta' dikjarazzjonijiet u minn kwalunkwe fatt ieħor li jimplika ammissjoni, *ad exemplum*, l-wegħda tal-ħlas, xi rikjesta biex jingħata dilazzjoni tal-pagament, u l-ħlas akkont.[12]

Illi konformement ma' din il-fehma, il-Qorti tal-Appell stqarret li:

> "ir-rinunzja għall-preskrizzjoni, jew l-ammissjoni tad-dejn, li minnu wieħed jista' jeħles permezz ta' atti, ma jistgħux jiġu miġbuda bħala konsegenza ħlief ta' attijiet jew fattijiet li ma jistgħux ifissru jew jittieħdu b'ħaġ'oħra ħlief bħala rinunzja jew ammissjoni."[13]

---

[8] Art. 2109(1) Kodiċi Ċivili
[9] Art. 2108(2) Kodiċi Ċivili
[10] Art 2109(2) Kodiċi Ċivili
[11] *Della Prescrizione* paġ. 37, no. 56.
[12] **Joseph Cassar noe vs. Sonny Raymond Muscat** - 28.04.2004, Qorti tal-Appell (Inferjuri Ċivili); Kollez Vol XXIX pI p755; Vol XLIII pII p744; **Victor Calleja noe vs. Nazzareno Vassallo et noe**, Appell, 5 ta' Ottubru 1998.
[13] **Cassar vs. Dr Paolo Azzopardi** Kollez. XXIX.i.326.

Illi f'sitwazzjonijiet fejn id-debitur jistqarr li jħallas jekk ikun hemm prova li huwa għandu jagħti, il-Qrati tagħna stabbilew li ġiet irrinunzjata l-preskrizzjoni.[14] Hekk ukoll jekk id-debitur jgħid "ibgħatli n-notamenti u nivverifika u, jekk insib li għandi nagħti, inħallas" ikun hemm rinunzja taċita għall-preskrizzjoni, billi kliem bħal dawn minnhom infushom juru r-rieda tad-debitur li jirrinunzja għall-preskrizzjoni.[15] F'każ fejn il-kreditur ġie infurmat li s-soċjetà debitriċi tiegħu kienet għaddejja minn problemi ta' likwidità u ntalab jissaporti, il-Qorti ddeċidiet li dan kien jammonta għal rinunzja tal-preskrizzjoni.[16]

Illi l-istqarrija tad-diretturi li kienu qegħdin jistennew il-likwidazzjoni tal-assi ereditarju ta' Bernard Sullivan, li s-soċjetà konvenuta kellha problemi finanzjarji u għalhekk ma setgħetx tħallsu f'daqqa d-dejn, u l-istqarrija ta' Alexander Zammit li kien sejjer jivverifika ma' missier Sullivan jekk id-dejn kienx tħallas lura, jippreżentaw sitwazzjoni li tixbah ħafna lil dik li tirriżulta fis-sentenzi fuq imsemmija u li bħalhom issarraf f'qagħda li mhix kompatibbli ma' min jiċħad li għandu jagħti. Dan ifissier li kien hemm rinunzja għall-preskrizzjoni.

---

[14] **Michael Chetcuti vs. Perit Victor Muscat** - 16.10.1972, Qorti tal-Appell (Superjuri Ċivili) f'**The Word of the Court** ta' Dr. Philip Farrugia Randon Vol. 6, paġna 1953.

[15] **Joseph Mizzi vs. Joseph Delicata** - 14.10.1954 Qorti tal-Kummerċ Kollez. XXXVIII.iii.710.

[16] **George Camilleri vs. Emmanuel Aquilina** - 24.06.1975, Qorti tal-Kummerċ (Imħallef Giovanni Refalo) mhux ippubblikata u rrapportata f'**The Word of the Court**, ta' Dr. Philip Farrugia Randon, Vol 6, paġna 2004

**<u>Decide</u>**

**Għalhekk il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet attriċi fis-sens li:**

**1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tal-atturi fis-somma ta' sitta u erbgħin elf, ħames mija u sebgħa u tmenin euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€46,587.54) ekwivalenti għal għoxrin elf Lira Maltin (Lm20,000);**

**2. Tikkundanna u tordna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-atturi s-somma ta' ta' sitta u erbgħin elf, ħames mija u sebgħa u tmenin euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€46,587.54) ekwivalenti għal għoxrin elf Lira Maltin (Lm 20,000);**

**Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali (nru: 2721/2014) ippreżentata fit-3 ta' Settembru, 2014, il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat fil-5 ta' Frar, 2015 u bl-imgħax skont il-liġi mit-8 ta' Novembru, 2000 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.